MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 139/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Sandro (Alexander) Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Sandro (Alexander) Gatt talli fit-28 ta’ Marzu 2004, ghall-habta tat-3:00 p.m. fi Triq B’Bugia, Hal-Far:

1) Saq il-vettura JBE-579 b’manjiera traskurata;

2) Saq l-imsemmija vettura b’manjiera perikoluza;

3) Saq l-imsemmija vettura b’giri aktar milli jmissu;

4) Naqas li jobdi l-ordni legittima moghtija lilu mill-Pulizija fil-qadi ta’ dmirijietu.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-appellant (allura imputat) jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' mhux inqas minn tliet xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Gunju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Sandro (Alexander) Gatt hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti u kkundannatu ghall-hlas ta’ *multa* ta’ mitt liri maltin (Lm100) kif ukoll skwalifikatu mil-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Sandro (Alexander) Gatt ipprezentat fit-28 ta’ Gunju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata fis-sens li dikjarat mhux hati u lliberat minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi, u, minghajr pregudizzju, f'kaz li ma titntlaqax din it-talba, tirrifoma s-sentenza appellata fis-sens li tigi mposta piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mir-rikors ta' appell jirrizulta li l-aggravju ta' l-appellant jirrizolvi ruhu f'wiehed ta' apprezzament mill-gdid tal-fatti peress li jsostni li ma kellux jinsab hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Il-provi tal-prosekuzzjoni huma bazati unikament fuq l-affidavit ta' P.C. 995 Stephen Falzon (a fol. 2). Billi x-xiehda ta' l-appellant u tal-genituri tieghu ma kinitx traskritta, din il-Qorti semghet ix-xiehda taghhom mill-gdid.

**P.C. 995 Stephen Falzon** jghid fl-affidavit tieghu li fil-gurnata in kwistjoni waqt li kien bil-karozza personali tieghu ghaddej minn Triq B'Bugia, Hal-Far, innota vettura

JBE-579 tal-marka Toyota Glanza qed tinsaq fid-direzzjoni opposta tieghu taqla' vettura ohra b'velocita` qawwija tant li dahlet fil-karreggata tieghu. Biex jevita kollizjoni gibed lejn ix-xellug tat-triq. Bil-mod traskurat u perikoluz li kienet qed tinsaq dik il-vettura, ghaddiet thokk bl-ezatt minn mal-vettura tieghu. Huwa dawwar u saq ghal wara l-imsemmija vettura li waqfet fl-inhawi tal-fabbriki ta' Hal-Far. Waqqaf il-vettura tieghu hdejn l-imsemmija vettura, nizel minnha, resaq lejn ix-xufier u identifika ruhu billi urieh il-karta ta' l-identita` tal-Pulizija. Kif qal lix-xufier li huwa Pulizija, ix-xufier saq il-vettura tieghu b'lura b'velocita` qawwija. P.C. Falzon ikompli jghid li beda jghajjatlu biex jieqaf izda njorah u baqa' sejjer. L-ghada meta dahal ghax-xoghol iccekkja lil min tghajjat il-vettura msemmija u sab li kienet registrata f'isem l-appellant. Fl-istess gurnata qassam notifika sabiex l-appellant imur l-Kwartieri Generali tal-Pulizija u jipproduci l-licenzja tas-sewqan u l-polza ta' assikurazzjoni izda sal-gurnata li fiha x-xhud kien qieghed jaghmel l-affidavit l-appellant naqas li jaghmel dak ordnat.

**L-appellant** xehed li fil-gurnata in kwistjoni huwa kien diehel fil-parti l-wiesa' tal-parti industrijali ta' Hal-Far gej min-naha tal-Gudja. Qabez karozza fuq is-*second gear* bi *speed* ta' xi sittin kilometru u wara ftit ra karozza privata li giet ma' genbu mbaghad dahlet quddiemu biex jieqaf. Ix-xufier ta' dik il-karozza nizel minnha wara li kien fetah il-bieba b'certu sahha. L-appellant jghid li beza' u baqa' sejjer lejn id-dar. Sostna li d-dar qatt ma rcieva xejn biex jipprovdi l-licenzja u l-polza ta' assikurazzjoni u l-ewwel haga li rcieva kienet ic-citazzjoni wara xahrejn.

Xehdu wkoll **Joseph Gatt** u **Carmen Gatt**, il-genituri ta' l-appellant, li t-tnejn qalu li ma rcevew xejn id-dar biex l-appellant jipproduci l-licenzja u l-polza ta' assikurazzjoni.

Dwar l-imputazzjonijiet dedotti mela ghandna x-xiehda kontrastanti ta' P.C. Falzon u ta' l-appellant. Evidentement l-ewwel Qorti emmnet dak li qal P.C. Falzon fl-affidavit tieghu u in effetti x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie

pruvat minn zewg xhieda jew aktar[1]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[2].

Naturalment l-ewwel Qorti, bhal din il-Qorti, kellha l-opportunita` li tevalwa l-imgieba, il-karattru u l-kondotta ta' l-appellant izda mhux ukoll dik ta' P.C. Falzon li ma xehedx *viva voce*. Id-difiza ssottomettiet li x-xiehda ta' P.C. Falzon ma tistax tkun wahda kredibbli galadarba dak li qal dwar li qassam notifika fir-residenza ta' l-appellant gie kontradett mhux biss mill-appellant izda sahansitra mill-genituri tieghu. Id-dubbju li ghandha din il-Qorti huwa jekk ir-raba' imputazzjoni proprjament hijiex tirreferi ghall-ordni biex l-appellant jipproduci d-dokumenti msemmija jew ghall-ordni li P.C. Falzon jghid li ta lill-appellant biex jieqaf fil-gurnata ta' l-incident in kwistjoni wara li, skond hu, kien identifika lilu nnifsu. Jekk qed tirreferi ghan-nuqqas ta' l-appellant li jipproduci l-licenzja u polza ta' assikurazzjoni din il-Qorti hi tal-fehma li jezisti dubbju ragjonevoli jekk in-notifika relattiva fil-fatt gietx f'idejn l-appellant. Jekk qed tirreferi ghall-ordni li P.C. Falzon jghid li ta lill-appellant biex jieqaf, xorta ma tistax tinsab il-htija peress illi P.C. Falzon kien liebes pajzan bil-karozza privata tieghu u l-appellant ma setax ghalhekk jinduna li x-xufier tal-karozza li waqqfitu kien fil-fatt Pulizija. Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mizzi** deciz fl-14 ta' Novembru 2003 dwar l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9: *"Din id-disposizzjoni tipprezumi li dak li jkun ikun jaf, jew ghall-anqas seta' ragonevolment ikun jaf, li dak li kien qed jaghti l-ordni kien persuna f'awtorita` jew altrimenti persuna inkarigata minn servizz pubbliku"*. U ghalkemm P.C. Falzon jghid li meta nizel mill-vettura tieghu qal lill-

[1] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.
[2] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

appellant li huwa Pulizija u urieh il-karta ta' identita`, ma jfissirx li f'dak il-mument, bil-manuvra li kien ghamel l-istess P.C. Falzon biex iwaqqaf lill-appellant, l-appellant kien f'kondizzjoni li jinduna jew jissoponi li dak ix-xufier kien verament Pulizija. Ghalhekk din il-Qorti ser tillibera lill-appellant mir-raba' imputazzjoni.

Dwar l-imputazzjonijiet l-ohra dak li din il-Qorti trid tiddetermina huwa jekk is-sewqan ta' l-appellant kienx perikoluz jew ta' xi grad inqas.

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. **Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' 1-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi 1-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. **Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi 1-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut*

*f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara* ***The Police vs Charlotte Chamberlain,*** *Appell Kriminali, 21/5/96)".*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

*"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App.* ***Krim. Pul. vs Charles Bartolo,*** *14.3.59,* ***Pol. vs Wilson*** *[Vol. XXXIX iv. 1018] u* ***Pul. vs Alfred Vella*** *[Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim.* ***Pul. vs Hardingham,*** *19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Farrugia*** *[Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs Joseph Aquilina,*** *20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])"..*

U fil-kuntest ta' dak li hu *a proper look-out*, din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija** vs **Noel Gauci** deciz fil-25 ta' Marzu 2004 qalet hekk:

*"Gie appropositu ritenut li 'hu dover ta' driver <u>to see what is in plain view</u>' (Appell Kriminali:* ***Il -Pulizija vs Joseph Vella*** *[10.8.1963] u li 'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm <u>a proper lookout</u>' (Appell Kriminali:* ***Il-Pulizija vs J.M. Laferla*** *[17.6.1961]). Illi fi* ***Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Ltd.*** *(1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:*

*'Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead -* ***it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built***

***up area, of the pavements on the side of the road as well'*** *(enfasi tal-Qorti)".*

Fil-kaz in ezami, wara li din il-Qorti ezaminat ix-xiehda u hasbet fit-tul dwar dak li qalu, u fin-nuqqas ta' l-opportunita` li kellha biex tisma' lix-xhud tal-prosekuzzjoni *viva voce* hi tal-fehma li m'hemmx provi sufficjenti li jistghu jwassluha tikkonsidra s-sewqan ta' l-appellant *"reckless"* u li l-mod kif kien qieghed isuq kien wiehed traskurat. Fil-fehma tal-Qorti pero` tirrizulta wkoll it-tielet imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi: tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet, tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u tar-raba' imputazzjoni u minnhom tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' Lm100 u skwalifikatu mil-licenzji tieghu ghal perijodu ta' tliet xhur u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hamsin liri (Lm50) u tiskwalifikah mil-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien tmint ijiem, liema perijodu jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------